**16 ta' Novembru, 1988**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**– President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Leonard u Vitorin konjugi Falzon

*versus*

Maria Camilleri u Ludgardo Camilleri

**Senserija – Rifużjoni – Azzjoni ta' Ripetizzjoni – Appell – Nullità – Nota ta' l-Appell – Nullità ta' l-Appell Mingħajr Nota ta' l-Appell**

*Azzjoni għal rifużjoni ta' senserija. L-ewwel Qorti laqgħet limitatament it-talba attriċi.*

*Fl-Appell irriżulta li wieħed mill-Appellanti ma kienx ippreżenta Nota ta' l-Appell u għalhekk dak l-Appell kien null. Fil-mertu l-Qorti ta' l-Appell ċaħdet l-Appell u kkonfermat is-sentenza Appellata.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentat fil-Qorti tal-Kummerċ li bih l-atturi wara li ppremettew li bi skrittura tat-2 ta' Novembru, 1982 (Dok. A) l-istanti krew lil Francis Debono l-fond 372, *Main Street,* Qormi bil-kera ta' Lm638.75 fis-sena u bil-pattijiet l-oħra hemm stipulati u peress illi f'dana n-negozju l-konvenuti kienu s-sensala; u peress illi immedjatament wara li ġie ffirmat il-kuntratt, in-Nutar Antoine Agius ikkalkola erronjament s-senserija dovuta lill-konvenuti fis-somma ta' Lm200 minn kull parti, u dana l-ammont ġie mħallas mill-istanti lill-konvenuti; u peress illi s-senserija dovuta skond il-liġi hija ta' Lm26.62 minn kull parti u għalhekk is-somma ta' Lm173.38 ġiet imħallsa indebitament lill-konvenuti; l-istess atturi talbu li l-konvenuti jiġu kkundannati solidalment iħallsu lill-atturi s-somma ta' Lm173.38,0 indebitament imħallsa lilhom kif spjegat hawn fuq; bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra interpellatorja ta' l-10 ta' Diċembru, 1982 u ta' l-ittra uffiċjali tas-sitta (6) ta'

Jannar, 1983 kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-atturi;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenuti li biha eċċipew;

Illi t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt peress illi l-ftehim li fih kienu wasslu l-konvenuti lill-atturi u nies oħrajn kien differenti minn dak li ntqal fiċ-ċitazzjoni u barra minn hekk kien miftiehem ċar u tond illi s-senserija illi kellha tkun dovuta kien fuq il-bażi ta' kuntratt ta' ċens għal wieħed u għoxrin sena;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-konvenuti;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ ta' l-1 ta' Ottubru 1986 li biha prevja ċ-ċaħda ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti laqgħet it-talba ta' l-atturi limitatament għas-somma ta' mija u tmienja u sittin lira maltija ċenteżmu u tliet milleżmi (Lm168.01,3) bl-ispejjeż fiċ-ċirkostanzi pagabbli kollha mill-konvenut u dan wara li kkunsidrat:

"Illi l-perit fuq indikat wara li investiga l-kwistjonijiet ta' fatt u ta' dritt involuti fil-kawża, wasal għall-konklużjoni li:

(a) is-senserija dovuta fil-lokazzjoni ta' fond kummerċjali bħala ma kien dak in kwistjoni, f'nuqqas ta' xi ftehim xort'oħra ikun ta' wieħed fil-mija (1%) tal-kera totali għad-durata sħiħa tal-kirja konvenuta, pagabbli nofs mill-inkwilin u nofs

mil-lokatur;

(b) il-konvenuti ma rnexxilhomx jipprovaw sodisfaċentement, a bażi ta' bilanċ ta' probabbilità li kien jeżisti f'dan il-każ xi ftehim xort'oħra u speċifikament li s-senserija li kellha titħallas kellha tkun dik kakolabbli a bażi ta' kuntratt ta' ċens għal wieħed u għoxrin (21) sena nonostante li l-kuntratt *de quo* kien wieħed ta' kiri;

(ċ) is-senserija dovuta fil-każ in eżami kienet dik ta' Lm63.87,5 pagabbli kwantu għal Lm31.98,7 mill-atturi, li però kienu ħallsu lill-konvenuti erronjament is-somma ta' Lm200;

(d) l-ammont li l-atturi għandhom jieħdu lura mingħand il-konvenuti solidalment bejniethom huwa ta' Lm168.01,3 u mhux Lm173.80,0 kif ippretendew fl-att taċ-ċitazzjoni;

Illi din il-Qorti taqbel ma' dawn il-konklużjonijiet peritali għar-raġunijiet indikati fl-istess relazzjoni u għalhekk tadotthom;

Rat a fol. 71 in-nota ta' l-appell ta' Maria Camilleri li biha interponiet appell mis-sentenza msemmija u a fol. 72 il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-istess Maria Camilleri u Ludgardo Camilleri li permezz tagħha talbu li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata bl-ispejjeż *taż-żewġ istanzi kontra l-atturi* appellati;

Rat a fol. 77 ir-risposta ta' l-appellati Leonard u Vitorin konjugi Falzon għall-appell tal-konvenuti li biha għar-raġunijiet fiha indikati ssottomettew li l-appell għandu jiġi respint u s-sentenza ta' l-ewwel Qorti kkonfermata bl-ispejjeż;

Rat l-atti tal-kawża rilevanti u opportuni;

*Ittrattat* l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn din il-Qorti tirrileva "*ex officio*" li filwaqt li l-petizzjoni ta' l-appell saret miż-żewġ konvenuti ma jirriżultax li l-konvenut appellant Ludgardo Camilleri ppreżenta nota ta' l-appell. Infatti l-unika nota ta' appell li hemm fil-proċess hi dik ta' Maria Camilleri waħedha u li tinsab a fol. 71 tal-proċess. Mhux hekk biss, iżda anqas ma jidher mill-korp ta' l-istess nota li b'xi mod jista' jiġi preżunt li l-appell kien qed jiġi interpost ukoll f'ismu, għaliex kollox hu fis-singular femminili. Inoltre dan anqas ma hu żball li jista' jiġi korrett fit-termini ta' l-artikolu 175(2) tal-Kap. 12 (Ediz. Rev. 84) għaliex hawn *si tratta* ta' mankanza totali ta' nota ta' l-appell da parti tal-konvenut Ludgardo Camilleri;

Dan iwassal għall-unika konklużjoni raġġunġibbli fiċ-ċirkostanzi u ċjoè li quddiem din il-Qorti hemm biss appell minn Maria Camilleri u li da parti ta' Ludgardo Camilleri l-appell tiegħu huwa null. Dana għaliex għalkemm huwa ppreżenta petizzjoni din ma ġietx preċeduta min-nota ta' appell u hu preċiżament in-nota ta' l-appell l-att li permezz tiegħu jsir l-appell. Infatti skond l-artikolu 226(2) tal-Kap. 12 (Ediz. Riv. 84) "L-appell isir b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-reġistru tal-Qorti li tkun tat is-sentenza li minnha jsir l-appell", liema appell imbagħad biex tiġi osservata l-liġi jrid jiġi segwit mill-petizzjoni ta' l-appell;

Dina l-Qorti għalhekk qiegħda fl-ewwel lok tiddikjara l-

appell interpost minn Ludgardo Camilleri bħala irritu u null, bl-ispejjeż relattivi kontra tiegħu;

Ikkunsidrat fuq l-appell ta' Maria Camilleri;

Illi l-aggravji ta' l-appellanti hu fis-sens li ġej:

1) Il-liġi dwar is-senserija tippermetti lill-partijiet jaslu fi ftehim apparti dak li tgħid il-liġi bħala *minimum;*

2) Fil-każ preżenti l-partijiet iridu jiftehmu għal ċens għal 21 sena u għar-raġunijiet tagħhom l-iskrittura li għamlu wassluha għal kirja. Però huma kienu pronti, kemm parti u kemm l-oħra, li jħallsu l-ammont indikat;

3) Fil-każ preżenti mhux biss kien hemm il-ftehim imma anki l-pagament skond il-ftehim;

4) Inoltre s-senserija tista' tiftiehem mhux fuq bażi biss ta' persentaġġ, imma fuq somma globali u dan kien il-ftehim u fuqu sar il-ħlas;

Ikkunsidrat:

Illi minn eżami tal-provi din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-appellanti tista' ssostni l-appell tagħha għaliex sempliċement ebda wieħed mill-aggravju m'hu sorrett mill-provi. Infatti ma jirriżulta ebda ftehim bħal dak allegat mill-appellanti u anqas ma jirriżulta li l-appellati ħallsu a bażi ta' xi ftehim iżda sempliċement għax ġew żvijati min-Nutar Agius;

Kwantu għall-mod kif l-Ewwel Onorabbli Qorti llikwidat

is-senserija dovuta f'dal-każ, l-appellanti ma ressqet ebda sottomissjoni. Għal dawn il-motivi, tiddisponi mill-appell tal-konvenuta Maria Camilleri billi tiċħad l-istess u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata fil-konfront tagħha. L-ispejjeż ta' din l-istanza salv dawk ġà deċiżi, ikunu a kariku ta' l-istess konvenuta appellanti.